**25 ta' Jannar, 1958**

***Imħallef:—***

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Rev. Canon Vincenzo Saliba

**Bini Perikoluż — Perizja "ex parte" — Art. 18 tal-Liġijiet tal-Pulizija.**

*Il-Qorti ma tistgħax toqgħod fuq perizja "ex parte"; u dan aktar u aktar meta mill-parti kuntrarja hemm perizja oħra li hija differenti, u li hija wkoll "ex parte", li ma tistgħax ma tiġġenerax dubju, jew almenu tirrendi aktar spedjenti jew deżiderabbli n-nomina ta' perizja ġudizzjarja.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli fl-Imsida, f'dawn l-aħħar xhur, wara li ġie avżat mill-Pulizija bis-saħħa tal-art. 18 tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13, bħala sid ta' fond nru. 10 Triq il-Kunċizzjoni, li huwa fi stat ħażin ta' tiswija u b'perikolu għall-inkwilini, naqas li jagħmel l-imsemmi fond fi stat tajjeb ta' tiswija u b'hekk ineħħi l-perikolu li jeżisti skond iċ-ċertifikat tal-Perit E. Naudi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Novembru 1957, li biha kkundannatu għall-ammonizzjoni u riprensjoni, bi żmien ħmistax il-ġurnata biex juniforma ruħu mall-liġi taħt penali ta' 2s.6d. ammenda kull ġurnata jekk jonqos;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-deċiżjoni appellata hi bażata fuq ix-xhieda tal-Perit Naudi. Din il-perizja, però, inkorporata fid-dokument fol. 5, ma tistax titqies bħala l-opinjoni ta' persuna indipendenti, għall-finijiet ta' dan il-ġudizzju, għaliex il-Perit Naudi kien imqabbad mill-inkwilin, li minn jidher hu dak li għamel ir-rapport. Ma hux qiegħed jiġi, s'intendi, bl-ebda mod affermat b'daqshekk li l-Perit Naudi ħalla mħux jkun influwenzat fil-ġudizzju tiegħu biċ-ċirkustanza li hu rċieva l-inkariku tiegħu minn għand l-inkwilin; imma l-Qorti ma tistax toqgħod fuq perizja li hi, virtwalment, perizja "ex parte". "Multo magis" meta hemm relazzjoni oħra li, għad li anki hija "ex parte", in kwantu li l-perit li rrediġiha ġie nkarikat mis-sid, eppure ma tistax ma tiġġenerax dubju jew almenu tirrendi spedjenti u deżiderabbli l-provvediment infraskritt;

Għalhekk tipprovdi, għal issa, billi tinnomina lill-arkitetti u inġinieri ċivili Professur Onor. Robert V. Galea, O.B.E., LL.D. (Hon.), D.Sc., A. & C.E., u Albert Vassallo, A. & C.E., sabex dawn jirrelataw bil-miktub wara li jagħmlu l-indaġini meħtieġa u jieħdu konjizzjoni tal-proċess, kompriża x-xhieda tal-Perit Naudi, jekk hemmx il-perikolu msemmi fid-dokument fol. 5, u f'każ affermattiv kemm ikun terminu raġjonevoli sabiex jiġu kompletati x-xogħolijiet okkorrenti biex il-perikolu jiġi riparat. Ir-relazzjoni għandha tiġi preżentata qabel il-15 ta' Frar 1958; għal liema ġurnata hi rinvijata l-kawża; salv li l-periti relaturi jikkonfermaw ir-relazzjoni tagħhom fl-udjenza ta' dik il-ġurnata.